# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 471/2016PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Micallef Babola Anna**
**(ID 26027(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-24 t'Ottubru, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u ghoxrin ewo u hamsa u hamsin centezmi (€720.55) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40158816 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1795/2015 u bl-imghaxijiet legali sa mit-8 t'Ottubru, 2015, data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenuta ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti tat-13 ta' Marzu, 2017 u ghas-seduta tal-lum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba inkluz l-istatement (a fol 2 tal-process), l-applikazzjoni f'isem il-konvenuta (a fol. 4 tal-process), estratt mill-registru elettorali a konferma tal-indirizz tal-istess konvenuta (fol. 5 tal-process) u kopja tal-ittra ufficjali 1795/2015 (a fol. 6 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Maryanne Camilleri moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduti imsemmija u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimata sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici hawn fuq elenkati.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata salv li mill-kopja tal-ittra ufficjali numru 1795/2015 ezebita in atti jirrizulta li din ma gietx debitament notifikata lill-konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' s-somma ta' seba' mija u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmi (€720.55) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont

numru 40158816 bl-ispejjez u drittijiet, ekluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1795/2015 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lill-konvenuta kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**